# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT
## Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)

**Is-seduta tal-lum it-Tlieta 27 ta' Marzu 2001**

Citazzjoni numru 241/1998G1

Jason Mizzi

-vs-

Tasika Auto Limited

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi b'kuntratt tat-12 ta' Lulju 1994 li kopja tieghu tinsab hawn unita u markata Dok "A", l-istanti xtara minghand is-socjeta' konvenuta l-karozza Mercedes b'numru ta' registrazzjoni V-2525 bil-prezz ta' hmistax-il elf u erba' mitt lira Maltija (Lm15,400) li kellhom jithallsu hekk: in kwantu ghall-hames mitt lira Maltija (recte elef Lm5000) in forma ta' tpartit ma' karozza Escort b'numru ta' registrazzjoni L-8384; in kwantu ghal tlett elef lira Maltija (Lm3000) in akkont fuq il-kuntratt; u l-bilanc ta' sebat elef u erba' mitt lira maltija (Lm7,400) f'pagamenti mensili konvertiti f'sensiela ta' kambjalijiet u dana kif jidher mill-istess Dok "A".

Illi l-istanti ttrasferixxa l-karozza Escort b'numru ta' registrazzjoni L-8384 kif miftiehem mas-socjeta' konvenuta u hallasha wkoll tlett elef lira Maltin (Lm3,000) in kontanti, oltre sittax-il pagament ta' mija u tmienja u sebghin liri Maltija (Lm178) il-wiehed ammontanti ghall-elfejn tmien mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm2848) biex b'hekk l-istanti gie li hallas lis-socjeta' konvenuta s-somma komplessiva ta' ghaxart elef tmien mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm10,848);

U illi l-attur ghamel ukoll miljoramenti fil-karozza Mercedes kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U illi inqalghu diffikoltajiet biex tigi trasferita l-karozza Mercedes ghal fuq isem l-attur;

U illi l-istanti waqqaf il-pagamenti li kien ghad baqalu jaghmel, u rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta abbusivament, illegalment u ad insaputa ta' l-attur hadu l-Mercedes mill-pussess ta' l-istess attur billi uzaw cavetta spare li kienu zammu f'idejhom;

U illi in segwitu intlahaq ftehim billi l-partijiet ixolju l-ftehim, l-attur jirritorna lis-socjeta' konvenuta l-accessorji kollha tal-Mercedes li kienu ghandu, u s-socjeta' konvenut tirrifondi lil-esponent il-flus minnhu mhallsa, izda pero' gara li ghalkemm l-istanti irritorna l-accessorji kolha ma kienx hemm qbil dwar l-ammont li s-socjeta' konvenuta ghandha tirrifondi lill-istanti;

U illi s-socjeta' konvnuta zammet il-Mercedes u ma rrifondiet xejn mill-flus dovuta lill-attur;

U illi l-attur interpella inutilment lis-socjeta' konvenuta biex tirrifondilu l-ammont li huwa hallas u l-ispejjez li huwa nefaq biex arrekkixxa l-istess Mercedes:

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta l-ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara li l-ftehim dwar il-bejgh tal-Mercedes b'numru ta' registrazzjoni V-2525 gie xjolt;

2. tillikwida l-ammont li s-socjeta' konvenuta ghandha tirrifondi lill-attur bhala rapprezentanti flus in akkont li lahaq hallasha l-attur fuq it-trasferiment ta' l-imsemmija Mercedes u kif ukoll il-valur tal-miljoramenti li huwa kien ghamel fuq l-istess Mercedes;

3. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata in linea ta' rifuzjoni tal-prezz imhallas in akkont u tal-miljoramenti li l-attur esegwixxa fuq il-Mercedes kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-19 ta' Settembru 1998 u tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru prezentati kontestwalment ma' din c-citazzjoni, kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, l-lista tax-xhieda tieghu u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Hadet konjizzjoni tal-fatt li n-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta (u d-dikjarazzjoni konsegwenzjali) li fiha eccepiet:

1. Preliminarjament il-*"jus ritentionis"* a tenur ta' l-Artikolu 550 tal-Kodici Civili, stante li rrispettivament mill-kwestjoni tal-bejgh il-konvenut huwa kreditur ta' l-attur ghar-rigward ta' spejjez u danni subiti.

2. Illi preliminarjament ukoll a tenur ta' l-artikolu 1439 tal-Kodici Civili, l-kumpanija konvenuta ghandha d-dritt li tiehu lura l-haga mibjugha, u stante li l-attur naqas li jhallas il-prezz miftiehem kien lecitu ghall-kumpanija konvenuta li tiehu lura l-oggett mibjugh.

3. Jekk l-attur jaghzel li jirrexxendi l-bejgh, ghandhom japplikaw l-konsegwenzi ex artikolu 1209 tal-Kodici Civili fosthom li jhallas il-kumpanija konvenuta l-hsara fl-oggett mibjugh kif ukoll id-deprezzament.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

gew sfilzati minn dina l-Qorti diversament preseduta stante li pprezentatata barra t-termini legali u dana skond digriet tal-4 ta' marzu 1999 (fol 16).

Rat l-atti kollha tal-process inkluza x-xhieda mismugha;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti awtorizzati minn dina l-Qorti diversament preseduta;

Rat il-verbal taghha tas-16 ta' Frar 2001 fejn din il-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-27 ta' Marzu 2001 "ghad-digriet opportun b'riserva pero' li tiddeciedi anke l-meritu definittivament jekk ma jkunx hemm ostakolu".

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn din il-Qorti ser tiddisponi mill-kwistjoni dwar jekk din il-kawza ghandhiex tistenna jew altrimenti ghandhiex tigi soggettatata ghall-kawza fl-ismijiet inversi (kopja tac-citazzjoni u l-eccezzjonijiet esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri) li tinsab pendenti quddiem dina l-Qorti diversament preseduta u dana fit-termini tal-verbal taghha fuq citat. Il-Kap 12 jirregola fl-Artikoli 792 sa 794 l-eccezzjoni tal-"*lis alibi pendens*" jew ta' "konnessjoni ta' kawza ta' ohra" u thallihom diskrezzjonali. Hekk l-Artikolu 792 jiddisponi li "Meta titressaq kawza quddiem Qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawza ohra <u>fuq l-istess oggett</u> quddiem Qorti kompetenti ohra,

l-kawza imressqa l-ahhar tista' tigi mibghuta lil dik il-Qorti l-ohra' u l-Artikolu 793(1) jghid li "meta bejn zewg kawzi jew izjed quddiem Qorti wahda jkun hemm konnessjoni ta' suggett, jew, meta d-decizjoni ta' wahda tista' tolqot d-decizjoni ta' l-ohra jew ta' l-ohrajn, il-Qorti tista' tordna li d-diversi kawzi jigu mismughin flimkien". Fil-kaz in disamine l-Qorti hi tal-fehma li ghandha tezercita d-diskrezzjoni taghha kontra s-socjeta konvenuta u dan nonostante li l-oggett fiz-zewg kawzi hija l-istess vettura u d-decizjoni ta' wahda tista' tolqot id-decizjoni ta' l-ohra. Principalment din il-Qorti osservat li waqt l-ewwel citazzjoni giet iprpezentata fit-13 ta' Novembru 1998 dik intavolata mis-socjeta' konvenuta saret kwazi sena u nofs wara u f'kwalsiasi kaz aktar minn sena wara li n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha giet sfilzata. Inghad dan ghalhekk il-Qorti qeghdha tichad it-talba tas-socjeta' konvenuta mressqa fir-rikors intavolat minnha (folio 51) u ser tghaddi biex tiddisponi mill-mertu.

Illi jigi precizat li l-kontumacia ghandha l-karatteristici taghha li huma ben definiti fil-gurisprudenza nostrali. Certament mhix ammissjoni da parti tal-kovenut u l-attur ghandu jipprova t-talba tieghu ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Il-provi mressqa mill-attur f'dan is-sens jippruvaw sodisfacentement illi kien sar negozju dwar il-vettura in kwistjoni fejn huwa kien intrabat li jixtri u fil-fatt xtara l-imsemmija vettura minghand il-konvenut ghall-prezz ta' hmistax-il elf u erba' mitt lira maltin (Lm15,400). Jirrisulta li l-istess attur kien fadallu bilanc ta' sebat elef u erba'mitt lira Maltin (Lm7,400) meta minhabba li kien hemm xi problemi konnessi ma' l-importazzjoni ta' din il-vettura (rigward it-TIT) li pprekludew li l-vettura tigi effettivament trasferita fuq ismu (soggett ghar-regolament 25 tal-Motor Vehicle Regulations 1994) huwa waqaf jaghmel aktar pagamenti u s–socjeta' konvenuta per konsegwenza kienet rimpossessat ruhha mill-vettura. F'xi zmien fis-sena 1997 il-kontendenti kienu waslu fi ftehim fejn skond l-attur huwa kellu jirritorna lis-socjeta' konvenuta l-accessorji kollha li kienu ghadhom ghandu u s-socjeta' tirrifondi xi ammont li ma kienx ghadu gie determinat. Allusjoni ghal dan il-ftehim huwa kontenut f'ittra tas-socjeta' konvenuta (folio 34). L-attur isostni u d-dokumenti esebiti jissufragawh, li kien hallas sa dan il-hin l-ammont ta' ghaxart elef tmien mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm10,848) apparti tmien mija u sebgha u disghin lira Maltin (Lm897) spejjez li pero' jidhru li gew inkorsi in konnessjoni ma' incident awtomobilistiku. Izda, u inidpenedentement minn dan kollu, huwa fatt ikkonfermat mill-istess attur (kemm fid-dikjarazzjoni guramentata u x-xhieda quddiem il-Qorti) li huwa kien, anke jekk unilateralment, intrabat li jaccetta l-ammont ta' disat' elef lira Maltin (Lm9000) li l-Qorti "*arbitrio bon viri*", tikkonsidra li huwa ammont ekwu u ragjonevoli fic-cirkostanzi, liema cirkostanzi juru wkoll li l-ftehim kien gie xjolt mill-kontendenti.

Ghalhekk issib li t-talbiet attrici huma sostenibbli, kwindi qeghdha tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-ftehim dwar il-bejgh tal-Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni V-2525 kien gie xjolt;

Tilqa' ukoll it-tieni u t-tielet talba u waqt li qeghdha tillikwida l-ammont li s-socjeta' konvenuta ghandha tirrifondi lill-attur is-somam ta' disat elet lira Maltin (Lm9,000) tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja u l-mandati ta' qbid u sekwestru kontra s-socjeta' konvenuta.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur